FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar L-Erbgha 13 ta' Marzu , 2002

**Avviz Nru:55/02 PM**

**Dingli Company International Limited**

**Vs**

**Josies Estates Limited.**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u disa' u temnin Lira u sitta u tmenin centezmu (Lm 189.86c) rapprezentanti l-ammont ghal zewg licenzji indikati:- Licenzja Nru. 010619 (Dok. "A") ghall-ammont dovut ta' tmintax il-Lira Maltija (Lm18) Royalty u zewg Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm2.70c), taxxa fuq il-valur mizjud flimkien ma' Licenzja Nru. 010620 (Dok.B) ghall-ammont ta' mija sebgha u erbghin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm147.08) royalty u serbgha u erbghin Liri Maltin u hamsa u

ghoxrin centezmu (Lm47.25c) taxxa fuq il-valur mizjud, rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta rigwardanti l-stabbiliment Cycas Holiday Complex, ghall-perjodu mis-6 ta' Awissu, 2001, sal-5 ta' Awissu, 2002.

Is-socjeta' attrici talbet ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-avviz, komprizi dawk tall-ittri legali tal-31 ta' Ottubru, 2001 kontra l-konvenut li gie ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci;

Sema li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u bl-interessi skond il-Ligi.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**